# Talb mal-Papa

**Il-Fehma tal-Papa għal**
**April 2017**

Il-Papa Franġisku jistedinna biex matul dan ix-xahar ningħaqdu flimkien u nitolbu:-



**Biex iż-żgħażagħ iwieġbu b'ġenerożità għas-sejħiet tagħhom u jikkunsidraw bis-serjetà li joffru lilhom infushom lil Alla fis-saċerdozju u l-ħajja kkonsagrata**

*Talba:*

Mulej, nitolbuk sabiex tgħin liż-żgħażagħ kollha jirrealizzaw il-vokazzjoni tagħhom, tkun xi tkun.

Nitolbuk tgħinhom jikkunsidraw il-ħajja kkonsagrata; ħajja ddedikata lilek u lilek biss.

*X'nista' nagħmel:*

Nipprova nitkellem ma' qassis jew soru meta niltaqa' ma' xi ħadd minnhom u nistaqsi dwar il-vokazzjoni tagħhom u l-ħajja kkonsagrata. Nipprova nisma' dak li qed jgħidli l-Mulej fis-skiet ta' qalbi.

Pope's Prayer Network - Malta

email: talbmalpapa@gmail.com